**13 ta' Jannar, 1967**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

**Wisq Reverendu Dun Paul Caruana noe**

*versus*

**Paolo Farrugia et**

**Passaġġ — *Dritt ta'* — Servitù ta' — Riġel, bir- — Karettun, bil- — *Elementi ta'*.**

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih — premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni — peress li l-attur nomine hu proprjetarju ta' parti mis-superfiċi ta' l-għalqa ta' "l-Ibjar", limiti ta' Had-Dingli, li fuqha hemm mibnija l-kmamar tan-nar bir-reċint tagħhom, li għalihom hemm aċċess minn fuq il-proprjetà attigwa tal-konvenut; peress li minn żmien twil dan l-aċċess kien isir bir-riġel, bil-karrettun u anki b'vetturi; peress li dan l-aħħar u preċisament fit-2 ta' Mejju, 1966, il-konvenut bena ħajt jew comunque poġġa ġebel fil-proprjetà tiegħu bl-iskop li jostakola dan l-aċċess ta' l-attur nomine jew aħjar l-eżerċizzju pjen tiegħu anke permezz tal-vetturi bil-mutur; u peress li dan l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolent u dannu ta' l-attur nomine; talab li l-konvenut ikun kundannat sabiex, fi żmien qasir u perentorju, jiddemolixxi u jneħħi l-ostakolu li għamel għall-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess li għandu l-attur *nomine* minn fuq il-proprjetà tal-konvenut għall-proprjetà tal-Knisja attriċi u jerġa' jqiegħed kollox fl-istat ta' qabel, u għaliex, in difett, l-attur *nomine* ma għandux ikun awtorizzat jagħmel hu stess dawn ix-xogħlijiet a spejjeż tal-konvenut; bl-ispejjeż inklużi dawk tal-protest tal-5 ta' Mejju, 1966.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut (fol. 6) li biha eċċepixxa:—

1) illi l-attur għandu dritt jaċċedi għal kmamar tan-nar imsemmija fiċ-ċitazzjoni bir-riġel u bil-karettun biss. Meta l-attur għamel użu ta' vetturi oħra dana kien b'sempliċi tolleranza u bil-permess tal-eċċipjent.

2) Illi, subordinatament, il-ġebel li poġġa l-eċċipjenti fil-proprjetà tiegħu ma jimpedixxi bl-ebda mod l-aċċess tal-attur għall-kmamar imsemmija — salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni rispettiva tal-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Ottubru, 1966, (fol. 46) li bih ġie msejjaħ fil-kawża Emmanuele Farrugia bħala sid tal-art fejn huwa allegat li ġie kommess li spoll;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-imsejjaħ fil-kawża Emmanuele Farrugia (fol. 47) li biha eċċepixxa illi l-attur għandu d-dritt jaċċedi biss bir-riġel u bil-karrettun u mhux ukoll b'vetturi — salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess imsejjaħ fil-kawża;

Wara li żammet aċċess fuq il-post fis-17 ta' Ġunju, 1966, skond verbal a fol. 24;

Wara li semgħet proposti mil-kontendenti;

Wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Tikkunsidra li kif ġie konstatat waqt l-aċċess il-kmamar tan-nar proprjetà tal-attur nomine jinsabu ċirkondati minn kull imkien minn art tal-konvenut u biex tasal għalihom trid l-ew-

wei tgħaddi minn sqaq imbagħad minn fuq il-proprjetà tal-konvenut. Fix-xahar ta' April l-imsejjaħ fil-kawża, kif ammetta huwa stess fix-xhieda tiegħu, poġġa ċnagen fuq xulxin b'mod li ma ħalliex il-passaġġ liberu għal dawn il-kmamar ħlief *bir-riġel*. Il-Qorti setgħet tara b'għajnejha waqt l-aċċess li, nonostanti dak li jgħidu in kuntrarju l-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża, inġenji minn dan il-passaġġ ma jistgħux jgħaddu jekk ma jkunux altru li żgħar, għaliex il-passaġġ, diġà ristrett ta' bejn erbgħa u nofs u ħames piedi u nofs, huwa ulterjorment ostakolat imħabba li l-art ma hiex livell, u hemm ukoll mal-ħajt kanna tal-ilma ta' xi żewġ pulzieri wisa' u del resto, kif jirriżulta mix-xhieda tal-imsejjaħ fil-kawża u tal-membri tal-familja tiegħu dawn iċ-ċnagen inbnew appuntu biex jiġi mpedut il-passaġġ ħlief bir-riġel jew bil- karrettun bil-bhima. Imħabba dan l-ostakolu n-nies li soltu jidħlu f'dawn il-kmamar ma kienux fil-fatt jidħlu kieku l-konvenut, bla preġudizzju tad-drittijiet tiegħu, ma neħħiex iċ-ċnagen in pendenza tal-kawża (verbal fol. 44).

Il-konvenut eċċepixxa li l-attur għandu dritt jaċċedi għal kmamar imsemmija fiċ-ċitazzjoni bir-riġel u bil-karrettun biss, u l-istess ħaġa eċċepixxa l-imsejjaħ fil-kawża. Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' spoll privileġġjat (l-ingombru sar fil-25 ta' April, 1966, u l-azzjoni ġiet proposta fis-16 ta' Mejju, 1966) u għalhekk il-kompitu tagħha huwa mhux li tara xi drittijiet jista' jkollu l-attur imma x'possess ta' drittijiet kellu l-attur u jekk kienx hemm verament vjolazzjoni ta' dan il-possess, u dana skond it-tradizzjonali rekwiżiti ta' dina l-azzjoni, iġifieri "posse disse" "spoliatum fuisse" u "intra bimestre deduxisse". Issa għalkemm il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża allegaw li l-passaġġ kien biss bil-karrettun bil-bhima u/jew bir-riġel, il-provi tal-attur juru ad esuberanza li n-nies li kellhom x'jaqsmu ma dawn il-kmamar kienu jidħlu minn snin twal bl-inġenji tal-mutur u mhux biss inġenji mhux goffi bħal "Austin Utility" u "Hillman Husky", imma anke bi trucks

regolari fosthom minn dawk ta' żewġ roti kull naħa fuq wara (Dep. Pietru Zahra fol. 12, Carmelo Sammut, fol. 14, Joseph Farrugia fol 15, Nicholas Grixti fol. 16, Emmanuele Sammut fol. 36, Giovanni Bonello fol. 37, Johnny Abela fol. 38, Paolo Muscat, fol. 40, Carmelo Abela fol. 41, Carmelo Zammit sid it-truck Bedford bir-roti doppji ta' wara fol. 42). Del resto l-konvenut stess fix-xhieda tiegħu (fol. 54) ammetta ukoll li l-inġenji ilhom jidħlu minn xi erbatax-il sena u li ġie li n-nies kienu jidħlu b'karrozza żgħira u ġie li kienu jidħlu bit-truck. Għalhekk il-pussess tal-passaġġ b'inġenji tal-mutur, kompriżi trucks, da parti tal-attur nomine irriżulta ampjament provat.

Dwar il-vjolazzjoni ta' dan il-pussess ex admissis iċ-ċnagen inbnew apposta biex in-nies tal-attur ma jgħaddux jekk ma jitolbux il-permess, u l-Qorti ikkonstatat ukoll de visu kif diġà ntqal qabel li nġenji tal-mutur anke mhux kbar ma setgħux jgħaddu nonostante dak li eċċepixxa l-konvenut;

Il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża allegaw ukoll li jekk l-attur għamel użu minn inġenji oħra barra karrettun, dana għamlu b'sempliċi tolleranza u fid-dibattitu orali spjegaw li jekk ikun hemm tolleranza ma jista' jkun hemm qatt spoll jekk dina t-tolleranza tispiċċa anke b'atti unilaterali tal-konċedent. Imbagħad saret riferenza b'mod speċjali għal fatt li l-attur bħala Kappillan ġdid, quddiem l-oppożizzjoni tal-konventu tal-imsejjaħ fil-kawża, kien aċċetta li jitlob permess lil konvenut jew lill-imsejjaħ fil-kawża;

Il-provi però urew ċar li n-nies li kienu jmorru fil-kmamar tan-nar kienu jidħlu u joħorġu bl-inġenji liberament u ħadd ma kien jilqagħhom u kwindi ma jista' jkun hemm ebda kwistjoni ta' tolleranza mill-parti l-oħra. In kwantu għal inċident ta' meta għal ħabta ta' Ottubru, 1965, iġifieri meta l-attur kien għadu kemm sar Kappillan aċċetta li jitlob permess dana ma kienx ħlief għal sena waħda, u l-attur għamel ċar li dana kien

qiegħed jagħmlu biss sakemm ikun jaf x'kienu d-drittijiet tiegħu tant li s-sena ta' wara ma talbu permess lil ħadd, u kien għalhekk li għas-sena 1966 l-imsejjaħ fil-kawża għamel il-passaġġ kif irriżulta mix-xhieda prodott mill-konvenut jew mill-imsejjaħ fil-kawża. Għalhekk inqas taħt dan l-aspett ma jistax jingħad li huwa xi każ ta' tolleranza kif jippretendu l-konvenut u l-kjamat in kawża;

Fil-kors tal-kawża irriżulta illi l-konvenut ma kienx is-sid tal-art fejn ġie kommess l-ispoll billi hu kien biegħha fil-1961 lil ħuh li mħabba f'hekk ġie msejjaħ fil-kawża. Dana xehed li kien huwa li bena ċ-ċnagen fuq xulxin. Fl-istess ħin fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut ma ċaħad xejn anzi eċċepixxa li l-ġebel li poġġa fil-proprjetà tiegħu ma jimpedixxu b'ebda mod l-aċċess tal-attur għal kmamar imsemmija. Dana juri li l-konvenut u l-imsemmija fil-kawża huma ħaġa waħda u ma għamel xejn ħażin l-attur li ħarrek lill-konvenut anke jekk dana ma kienx sid l-għalqa, għaliex jidher ċar li l-ispoll sar mit-tnejn.

*Konferma* ta' dan huwa wkoll il-fatt li kien il-konvenut stess li *bil-verbal* tas-27 ta' Ġunju, 1966 (fol. 44) iddikjara li bla *preġudizzju tad-drittijiet* tiegħu neħħa ċ-ċnagen li bena reċentement. U *billi r-rimozzjoni* ta' dawn iċ-ċnagen saret bla preġudizzju u mhux bħala ammissjoni tat-talbiet jew bħala permanenti, il-Qorti għandha tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha billi tħares lejn il-fatti kif kienu fil-bidu tal-kawża u bħal li kieku l-ispoll għandu in actu;

Għaldaqshekk tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet di fronti l-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża u tiffissa għal fini taż-żewġ talbiet it-terminu ta' tmien tijiem u bl-ispejjeż kontra tagħhom.